SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 03-15**

Illum l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015.

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 02-15 li saret nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 ġew moqrija u approvati.

### *1.1 Mill-Minuti*

#### *1.1.1 Ħruġ Minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li r-raġuni mhumiex adekwati. Huwa qal li l-Ministru Mizzi tkellem fuq *safety* u kollha naqblu li l-periklu huwa *24 hours.* Huwa qal li l-Kunsill Lokali ma ġiex ikkonsultat minn Transport Malta dwar id-deċiżjoni li jingħalaq il-ħruġ, kif hemm stabilit li għandu jsir skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali. Huwa kompla jgħid li bħala ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, hemm id-dritt tal-*Freedom of Movement*. Huwa saħaq li għandha ssir laqgħa ma' Transport Malta immedjatament.

Is-Sindku qal li nbagħtet *e-mail* fejn ġie propost li jmur il-Kunsill għand Transport Malta. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill diġa tagħhom l-*options* u qed nistennew il-*feedback*.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li għandna nerġu nitolbu laqgħa ma' uffiċċjali minn Transport Malta.

Il-Kunsillier Bonello qal li meta snin ilu Transport Malta neħħiet in-*No Entry signs* fid-dħul mit-Triq tal-Barrani, ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku, s-Sur Cutajar rrefera għal kummenti tal-Kunsillier Liam Sciberras u qal li dan hu kollu ħela ta' ħin tal-Kunsill.

#### *1.1.2 Trasport Pubbliku*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 4.13 tal-laqgħa preċedenti u qal li t-Transport Pubbliku għandu jiġi diskuss waqt l-istess laqgħa li għandha ssir ma' Transport Malta fuq il-ħruġ minn Santa Luċija.

#### *1.1.3 Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ peress li din issa għalqet it-tmintax 'il sena. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv ser tikkomunika mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan. Issemmew xi proposti u inizjattivi dwar kif għandha ssir il-ħatra ta' Ambaxxatur ġdid.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 u l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- *0468-15-O – Direttur Dipartiment Għal Gvern Lokali – Skema PPP – Triq il-Ġnien*
- *0475-15-O – Perit Borg Grech – Proġett taz-Zuntier tal-Knisja*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0483-15-I – Go plc – *Removal of Payphones*
- 0503-15-I – Resident – il-Ħruġ tal-Karozzi għal ħdejn ir-roundabout
- 0504-15-I – Resident – Ħmieġ tal-klieb fi Triq Petunja
- 0505-15-I – Resident – Triq il-Ġnien
- 0514-15-I – Robert Galea – *Charity Ride*
- 0515-15-I – Transport Malta – *Reserved Parking* fi Triq in-Narcis
- 0517-15-I – Animal Guardians Malta – Laqgħat fi Ħdan il-Kunsilli Lokali fi Ħdan id-Distretti
- 0519-15-I – China Cultural Centre – Chinese Moon Festival
- O522-15-I – All Care Insurance Ltd. – *Insurance Business Transfer Notice*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- ***GreenPak Annual Report 2014 – Santa Lucija Local Council Recovery Results***
- ***The Today Public Policy Institute – Why Malta's National Water Plan Requires an Analytical Policy Framework***

- ***SLLC Memo 13-2015 -*** **Kuntratt tal-Knis u Tindif ta' Toroq Ref: SS(57-15-01)**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0483-15-I il-Kunsill innota avviż mill-Go plc li ser jitneħħew il-*payphones* minn Triq Inez Soler u Dorell Place.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0503-15-I is-Sindku qara ittra ta' resident dwar il-ħruġ tal-karozzi għal ħdejn Xintill Roundabout.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0504-15-I li tirrigwarda ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm fi Triq Petunja, l-Viċi Sindku qal li kien kellem lil sid il-kelb. Huwa qal li min qed jagħmel l-ilment ma jridx jitla' jixhed u diffiċli tieħu passi meta ma jkunx hemm xhieda. Ġie nutat li l-Kunsill għandu ritratti ta' dan il-kelb mingħajr ċinga u qed iħammeġ.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0505-15-I il-Kunsill innota ittra minn resident fi Triq il-Ġnien dwar pendenzi li fadal isiru wara li din it-triq ġiet *resurfaced*. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġa sar *site meeting* li għalih attendew is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-perit flimkien mal-kuntrattur u ġew identifikati l-pendenzi.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0514-15-I il-Kunsill iddiskuta proposta mis-Sur Robert Galea biex issir Charity Ride li tibda minn Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li ma' din il-proposta.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0515-15-I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba li saret lil Transport Malta biex isir *reserved parking* fi Triq in-Narcis.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0517-15-I il-Kunsill qabel lir-rappreżentant tal-Kunsill ta' l-Animal Welfare biex tattendi laqħat ta' nformazzjoni għall-Kunsilli Lokali fi ħdan id-Distretti organizzati minn Animal Guardians Malta.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0519-15-I il-Kunsill ma kellu ebda oġġezzjoni għat-talba miċ-Ċentru Kulturali Ċiniż biex issir attivita' fi Ġnien is-Serenita' nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru 2015 fit-8.30p.m. L-għan ta' din l-attivita huwa li jiġi ċċelebrat il-Moon Festival fejn ġie mistieden *troupe* minn Yunan Province biex jagħti *performance* waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Il-Kunsill laqgħa t-talba taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż biex jipprovdi 200 siġġu għall-okkażjoni.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0522-15-I il-Kunsill ġie nfurmat li l-kumpanija AllCare Ltd li magħha l-Kunsill għandu polza tal-assigurazzjoni, issa inxtrat mill-Middlesea.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Management Letter*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar il-kummenti ta' l-awditur fil-Management Letter għas-sena finanzjarja 2014. Hija qalet li qed tħejji t-tweġiba tal-Kunsill u ser tibgħatha għall-attenzjoni tal-Kunsill permess ta' *e-mail* peress li hemm data ta' skadenza sa meta din tista tintbagħt.

### *4.2 Sotto Kumitat tal-Kultura*

Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar informa l-Kunsill li kien ser iwaqqaf Sotto-Kumitat għal Kultura li ser ikollu dawn il-membri:

Frederick Cutajar – Chairperson
E.V Borg
Siro Camilleri
Chen Juheng
Raymond Muscat
Anthony Paul Vella

Il-Viċi Sindku qal ukoll li kien attenda laqgħa dwar skema ta' fondi għall-attivitajiet kulturali li ser toħroġ dalwaqt. Huwa qal li l-fondi massimi taħt din l-iskema ser ikunu ta' €1500.00 għal kull Kunsill. Huwa ppropona li ssir Esibizzjoni ta' l-Arti li tinkludi nies artistiċi Maltin. Huwa qal li ser ikun qed jiddiskuti dan il-proġett fl-ewwel laqgħa tas-Sotto Kumitat bi preparazzjoni għal applikazzjoni għal fondi taħt l-iskema hawn fuq imsemmija.

Il-Kunsill approva dan is-Sotto Kumitat għall-Kultura kif propost.

### *4.3 Chinese Food Festival*

Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' rappreżentanti ta' 2 Minds Events li qed jipproponu li jagħmlu *Chinese Food Festival* fil-Ġnien Ċiniż. Huwa qal li dawn qed jitolbu is-somma ta' €1000.00 biex jorganizzaw din l-attivita'. Huwa qal li ser isir ġbir għal Puttinu Cares waqt dan l-avvenitment.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u ma qabilx li l-Kunsill iħallas biex issir attivita' kummerċjali fil-Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill ippropona li tiġi *waivered* il-fee skond il-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita' għal użu tal-Ġnien għal attivitajiet kummerċjali, kemm il-darba din l-attivita ssir b'risq Puttinu Cares.

## 4.4 Talba għal Parking Bay

Il-Kunsill laqgħa talba biex issir *parking bay* ħdejn Ġnien is-Serenita'. Għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

## *4.5 CCTV*

Il-Kunsill iddiskuta l-inizjattiva tar-Reġjun Nofsinhar fejn il-Kunsill ser jingħata 2,000.00 euro għal xiri ta' CCTV *Cameras*. Ġie propost li issir cctv *camera* fi Triq Maria De Domenicis ma' Triq Bruka fejn jinħareg ħafna skart f'kull ħin tal-ġurnata. Is-Sindku qal li l-*cameras* li hawn fis-suq huma *wireless* għalhekk m'hemmx spiża ta' *cable*. Il-Kunsill qabel li jinvolvi l-pulizija f'dak li hu *monitoring* ta'dawn il-*cameras*. Għanda ssir laqgħa ma' kumpanija li tissuplixxi dawn il-*cameras* ħalli l-Kunsill jiġi ggwidat fuq dan l-apparat.

# 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

## 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5629 sa numru BOV 5632 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn il-21 ta' Mejju 2015 u id-9 ta' Ġunju 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 02-15(15-05-2015)

## 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Saviour Mifsud | PCA (57-11-06) | Serv.for March 2015 | 625.41 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. for April 2015 | 2061.50 |
| ELC Ltd | PKG 57 | Serv.for May 2015 | 2061.50 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv. for April 2015 | 1024.25 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv. for May 2015 | 1024.25 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv. for June 2015 | 1024.25 |
| Owen Borg | PCA (57-14-02) | Serv. for May 2015 | 366.93 |
| Joseph and Spiru Żammit | RC(57-14-01) | Serv. for April 2015 | 1961.67 |
| Joseph and Spiridione Żammit | RC (57-14-01) | Serv. for May 2015 | 1983.72 |

### *5.3 Approvazzjoni għall-ħlas*

### *5.3.1 Servizz ta' watchman*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €86.98 fuq xogħol ta' kordinatur tal-*computer lessons* li saru barra mill-ħin tal-uffiċċju fil-librerija pubblika u €132.54 għal servizz ta' emergenza li ngħata matul ix-xahar ta' April 2015. Servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6. KUNTRATT SS(57-15-01) KUNTRATT GĦAL KNIS U TINDIF TA' TOROQ B'ĦARSIEN LEJN L-AMBJENT

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat il-Kunsill li jidher li l-offerta ta' Carmelo Gauci meta tqabbilha man-numru ta' siegħat indikati fl-istess offerta, ma tkoprix ir-rata ta' ħlas kull siegħa kif stabbilita' bil-liġi. Il-Kunsill reġa' ddiskuta fit-tul dawn l-offerti. Ġie nutat li billi kien hemm xi informazzjoni nieqsa minn naħa ta' dawk li ssottomettew it-*tender,* il-Kunsill beda jsiba diffiċli biex jasal għal deċiżjoni. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jitlob gwida dwar diversi punti fosthom jekk kienx il-każ li dan it-*tender* jiġi rtirat.

## 7. ĠIEĦ SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta in-nomini li rċieva l-Kunsill għal premju Ġieħ Santa Luċija 2015. Il-Kunsill irrisolva f'kumitat biex jiddiskuti dawn in-nomini. Il-Kunsill qabel li Ġieħ Santa Luċija jingħata lil dawk kollha li ġew innominati u magħhom żied il-Kunsillieri li servew fl-ewwel Kunsill u li issa m'għadhomx jagħmlu parti mill-Kunsill ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel ukoll li kull Kunsillier, ex-uffiċċju, jingħata dan il-Ġieħ fil-kronoloġija tal-leġislaturi sena wara l-oħra. F'dan ir-rigward il-lista' ta' nies li ser jiġu ppreżentati b'dan l-unur huma kif ġej:

- Father Malcolm Agius
- Is-Sur Joseph Camilleri
- Is-Sur Joe Montebello
- Is-Sur Joe Azzopardi
- Dr Malcolm Borg
- Is-Sinjura Carmen Buttigieg
- Il-Kor Angelic Voices

Is-Sindku nforma l-Kunsill li dan l-unur ser jingħata wara quddiesa ta' ringrazzjament li ser issir fil-knisja Parrokkjali San Piju X nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2015 f'Jum Santa Luċija. Huwa qal li wara ser issir bibita' f' Pjazza 7 ta' Lulju.

## 8. XOGĦOLIJIET

### *8.1 Triq il-Ġnien*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li kienet kitbet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar id-dikrepanza fir-rigward tal-istima tax-xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP u l-kont attwali. Hija qalet li d-Dipartiment laqgħa t-talba tal-Kunsill biex jirrevedi l-*commitment* finanzjarju fuq din l-iskema.

### *8.2 Trianglu f'Dawret it-Torri kantuniera ma' Triq Prinjoli*

Saret referenza għal proposta li tressqet fil-laqgħa preċedent fejn kien ġie deċiż li ssir alterazzjoni fit-trianglu f'Dawret it-Torri biex it-trasport pubbliku jdur b'aktar kumdita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-perit tal-Kunsill kien bagħt *sketch* biex il-Kunsill jimmarka eżatt xi jrid. Il-Kunsill qabel fuq l-alterazzjoni li trid issir u mmarka l-pjanta li ser tintbagħt għall-attenzjoni tal-perit ħalli jipproċedi u jinġiebu l-permessi meħtieġa.

### *8.3 Day Care Centre*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill lista ta' affarijiet li hemm bżonn li jsiru jew jinxtraw biex ikun jistgħa jopera id-*Day Care Centre*. Hija qalet li din il-lista ġiet mibgħuta mill-kordinatur ta' dan iċ-ċentru u tinkludi fost oħrajn *kitchen units*, *television*, imwejjed u siġġijiet bħal jew simili għal dawk eżistenti u skrivanija.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kwotazzjoni għal *hanging cupboards* li tammonta għas-somma ta' €750.00. Ġie propost li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet għax-xiri ta' dawn il-*kitchen units*.

### *8.4 Floodlights ġodda fil-5-a-side Football Pitch*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni mill-kuntrattur tal-iStreet Lighting – Nexos Street Lighting Limited biex isiru *floodlights* ġodda fil-5-*a-side football pitch*. Din il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' €2616.12 u tinkludi l-ispiza tal-*cable*, tal-arblu u l-*floodlights* u l-installazzjoni. Il-Kunsill approva dan ix-xogħol u din l-ispiża.

### *8.5 Xogħolijiet fi Triq l-Għansar u Triq iż-Żinja*

Is-Sindku ressaq tlett kwotazzjonijiet ta' l-Kuntrattur Ricky Caruana għal xogħolijiet fit-toroq hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill qabel li dawn il-kwotazzjonijiet għandhom isiru mill-perit tal-Kunsill bir-rati ta' kuntratt ġdid peress li l-kuntratt preżenti wasal biex jiskadi.

### *8.6 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet għal xogħol ta' manutenzjoni:*

Il-Kunsill approva:

- kwotazzjoni tal-Koptasin għall-ammont ta' €400.00 biex jiġu rranġati erba' tabelli bl-isem tal-lokalita', li hemm fid-dħul ta' Santa Luċija.
- kwotazzjoni ta' l-ELC għall-ammont ta' €300.00+VAT biex jinqalu żewġ siġriet fi Triq Bruka u jiġu trasplantati fil-Jogging Track.
- kwotazzjoni ta' Alan Magro għall-ammont ta' €350.00 biex issir manutenzjoni ta' monument fil-Picnic Area.
- kwotazzjoni ta' Solidbase għall-ammont ta' €425.98 biex isir *testing* tal-materjal li ntuża fir-*resurfacing* ta' Triq il-Ġnien.

### *8.7 Sejħa għall-offerti:*

Il-Kunsill ġie nfurmat u qabel li toħrog sejħa għal kuntratt ta' manutenzjoni ta' toroq u bankini u għall-kwotazzjonijiet kif ġej:

- għas-serivizz ta' *accountant*
- għal *bowser service*
- tindif tal-*premises* tal-Kunsill
- xogħol ta' eletriku u *plumbing*

### *8.8 Playing Field equipment*

Is-Sindku ippropona li jinxtara *playing field equipment* għal *area* ta' Triq il-Fuxa. Il-Kunsillier Joe Bonello ippropona li jiġi nstallat *playing field equipment* għall-*handicapped* fil-*playing field* eżistenti. Il-Kunsill qabel li jinġiebu kwotazzjonijiet u jsir *sketch* mill-perit ħalli jinġiebu l-permessi meħtieġa.

9 **TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fid-8.45 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 21 Lulju 2015 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati Ilum**: **it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2015**

**Terrence Ellul**
**Sindku**